**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Joseph Damato

*versus*

Catherine Damato

## Separazzjoni Personali - Deżerzjoni

*Il-kontendenti kienu istitwew it-tnejn kawżi ta' separazzjoni kontra xulxin li ġew deċiżi fl-istess ġurnata mill-Ewwel Qorti.*

*Ġara illi l-kawża fejn il-mara kienet attriċi, il-proċeduri bil-miktub baqgħu ma ġewx magħluqa, fi żmien statutorju ta' sena mill-preżentata tal-petizzjoni u dawk il-proċeduri ġew effettivament iddikjarati mir-Reġistratur li kellhom jitqiesu li marru deżerti. Il-proċeduri bil-miktub f'din il-kawża kienu ġew magħluqa tempestivament. L-appellant, in kwantu l-appell deżert ġab* res judicata *tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, sab ruħu b'ġudikat fuq meritu identiku li nnewtralizza l-appell tiegħu.*

*Ġiet għalhekk ikkonfermata s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

Fl-1 ta' Ġunju, 1993, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppronunzjat is-segwenti sentenza f'kawża li l-attur għamel kontra martu għas-separazzjoni personali:

"Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

*Billi l-konvenuta rrendiet ruħha ħatja kontra l-attur* żewġha ta' adulterju, sevizzi, insulti, minaċċi u inġurji gravi u b'dan il-mod farrket il-ħajja miżżewġa irrimedjabbilment;

Billi l-attur jinsab awtorizzat jipproċedi kontra l-imsemmija konvenuta martu bis-saħħa ta' digriet tas-Sekond'Awla ta' din il-Qorti;

Talab li dina l-Qorti għar-raġunijiet premessi:

Tippronunzja separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontenenti għar-raġunijiet premessi, ilkoll imputabbli lill-istess konvenuta;

Tordna l-applikazzjoni ta' l-artikoli 56 u 57 tal-Kodiċi Ċivili kontra l-istess konvenuta;

Tiddikjara l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn l-imsemmija kontendenti xolta u tterminata għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi;

Tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-konjuġi Damato, previa okkorrendo bl-opera ta' esperti u periti nominandi, tinnomina Nutar okkorrendo għall-pubblikazzjoni ta' l-att relattiv u kuraturi għall-eventwali kontumaċja u tiffissa lok, ħin u data għall-pubblikazzjoni ta' l-att fuq imsemmi;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk inkorsi fil-proċeduri quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, flimkien ma' dawk tal-mandati ta' inibizzjoni ta' l-14 ta' Mejju, 1987, u tal-mandat ta' Sekwestru u ta' Qbid ippreżentati kontestwalment, kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-istss attur; u l-lista tax-xhieda minnu ndikati;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li fiha hija eċċepiet:

Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kollha peress li kien proprju l-attur il-kaġun tal-firda ta' bejn il-kontendenti għax bi skuża li l-konvenuta keċċietu mid-dar konjugali, huwa abbandunaha u l-familja 'l fuq minn sentejn ilu biex mar jikkoabita ma' ċerta Grace Muscat f'dar ftit 'il bogħod minn dik ta' martu, *fl-istess raħal taż-Żurrieq*, *proprju fl-*indirizz li hemm indikat fiċ-ċitazzjoni tiegħu;

Illi mhuwiex minnu assolutament li l-konvenuta *kkommettiet adulterju, jew li l-attur bata u sofra xi sevizzi*, insulti, minaċċi u ngurji gravi mingħand il-konvenuta. Anzi kif ser jiġi ppruvat ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawża kienet proprju l-konvenuta li għaddiet minn din l-esperjenza taħt idejn l-attur għal żmien twil li kellha tissaporti biex ma tfarrakx il-familja tagħha;

Illi per konsegwenza ta' dak fuq espost il-konvenuta topponi ruħha bil-qawwa għat-talbiet attriċi u tikkonferma dak minnha ġà ġġuramentat u ddikjarat fiċ-ċitazzjoni tagħha numru 147/87 BC fl-ismijiet **Catherine Damato *vs* Joseph Damato**, liema proċeduri ġà bdew jinstemgħu u għaldaqstant l-istess talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata ta' l-istess konvenuta u l-*lista tax-xhieda minnha esebiti;*

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Ottubru, 1987, li permezz tiegħu ġie nnominat l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino *bħala perit legali biex ifittex u jirelata fuq it-talbiet attriċi wara*

li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet issollevati u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit legali li tinsab a fol. 35 *et seq* tal-proċess li ġiet minnu debitament ikkonfermata fl-udjenza tat-13 ta' Ottubru, 1992;

Rat l-atti kollha tal-proċess;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża ġiet ippreżentata mill-attur ftit żmien wara li l-konvenuta odjerna kienet istitwiet kawża kontra tiegħu proprju fuq l-istess materja, ċjoè s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;

Illi din il-kawża kienet timxi mal-kawża l-oħra fl-ismijiet inversi, u li ġġib in-numru 147/87, liema kawża qed tiġi ukoll deċiża llum;

Illi f'din il-kawża ġie nnominat l-istess perit legali bħall-oħra u bi ftehim bejn il-kontendenti l-provi kollha nġabru fil-kawża l-oħra u għandhom jitqiesu bħala provi u formanti parti ta' din odjerna;

Illi fir-rapport peritali ppreżentat f'din il-kawża saret ampja referenza għar-rapport komplet ippreżentat fl-oħra;

Illi fit-talba tiegħu għas-separazzjoni personali minn ma' martu, l-attur għamel bħala premessa l-akkuża li martu kkommettiet adulterju fil-konfront tiegħu, però meta saritlu

domanda espressament dwar dan il-punt hu wieġeb li ma setax jgħid;

Illi l-attur anqas irnexxielu jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu dwar nuqqasijiet oħra kkontemplati fl-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, in-nuqqsijiet minnu ssollevati jidhru frivoli u miġjubin biex jipprova jispjega għaliex huwa wasal biex mar *jikkoabita ma' Grace Muscat, nonostante s-suspetti espressi* minn martu u mit-twissijiet ripetuti anke ta' l-istess uliedhom;

Illi għalkemm, kif sottomess mill-abbli relatur, il-Qorti *m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni* personali minħabba ħtijiet tal-konvenuta, in vista tal-poter mogħti mit-tieni paragrafu ta' l-imsemmi artikolu 40, il-Qorti sejra tilqa' t-talba għas-separazzjoni peress li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment;

Illi f'dan id-dawl it-tieni domanda sejra tiġi miċħuda;

Illi in kwantu għat-tielet u għar-raba' domanda l-Qorti tagħmel referenza għall-provi prodotti fil-kawża numru 147/87 kif ukoll għar-rapport peritali hemm ippreżentati u għan-nota ta' kritika ta' l-attur odjern u għat-trattazzjoni li saret fiha u tiddeċidi din il-kawża fuq l-istess bażi;

*Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi* tilqa' l-ewwel domanda mhux fuq il-kawżali mogħtija mill-attur imma peress li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment; tiċħad it-tieni domanda; tilqa' t-tielet domanda kif dedotta fiċ-ċitazzjoni; *tiddetermina* r-raba' talba billi, wara li tagħmel referenza sħiħa għas-sentenza mogħtija llum fil-kawża fl-ismijiet inversi numru 147/87, tillikwida l-komunjoni sa issa viġenti bejn il-kontendenti konjuġi Damato, billi tiddikjaraha konsistenti fil-beni ndikati fir-rapport peritali fl-imsemmija kawża 147/87 u *tiddividiha billi tassenja lill-konvenuta, per saldu ta' sehma*

minn din il-komunjoni, l-għamara u oġġetti li jinsabu fil-pussess tagħha fil-fond fi Triq il-Mitħna, iż-Żurrieq, u fis-somma ta' elf, ħames mija u sebgħa u erbgħin lira (Lm1,547) li għandha tirċievi mingħand żewġha bla imgħax fi żmien tliet xhur mil-lum, b'dan li fin-nuqqas, jibdew jiddekorru l-interessi ta' 8 fil-mija, waqt li lill-attur per saldu ta' sehmu, tassenjalu l-għamara u l-oġġetti kollha li jinsabu fil-pussess tiegħu fil-garaxx 67, Triq San Luqa, iż-Żurrieq, il-vettura Subaru 1600 GLX, frejgatina, oġġetti tad-deheb u van transit, b'dan però li huwa għandu in ekwiparazzjoni jħallas lill-konvenuta s-somma ta' elf, ħames mija u sebgħa u erbgħin lira (Lm1547) bla imgħax, fi żmien tliet xhur mil-lum, u fil-każ li jonqos milli jagħmel dan jibdew jiddekorru l-interessi ta' 8 fil-mija;

L-ispejjeż jitħallsu mill-attur;